

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI  
**A6-0317/2007**

12.9.2007

\*

## RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-Politika Komuni tas-Sajd.  
(COM(2007)0369 – C6-0235/2007 – 2007/0127(CNS))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: **Paulo Casaca**

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, appartil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħha, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***gawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
PROĊEDURA .....	7



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-Politika Komuni tas-Sajd.  
(COM(2007)0369 – C6-0235/2007 – 2007/0127(CNS))

### **(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0369),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0235/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0317/2007),
  1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill biex jergħa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## **NOTA SPJEGATTIVA**

L-armonizzazzjoni u l-affidabilità ta' data u informazzjoni miġbura dwar l-attivitajiet tal-baħar huma ta' importanza kritika għas-settur tas-sajd u l-isforzi kollha li jsiru biex titjeb il-kwalità tagħħhom għandhom jiġu appoġġjati. F'dan ir-rigward, ir-Regolament tal-Kunsill 1543/2000 huwa magħmul minn qafas Komunitarju inizjali mmirat biex jikkordina l-ġbir u l-immaniġġjar tad-data neċċesarja għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri.

Madankollu, fid-dawl ta' ħsieb ġdid dwar l-immaniġġjar tas-sajd u b'mod partikolari x-xewqa li jiġi applikat l-aproċċ ta' l-ekosistema u biex isiru preparamenti għal politika marittima għall-Unjoni, il-Kummissjoni pproponiet li r-Regolament tal-Kunsill (KE) 1543/2000 irid jiġi rrevokat u mibdul ma' regolament ġdid u iżżejjed komprensiv għall-ġbir tad-data, li jkun iżżejjed adattat biex jissodisfa rekwiżiti attwali u futuri. F'dan il-kuntest, il-Parlament ġie kkonsultat b'mod formali skond l-Artikolu 37 tat-Trattat u attwalment ir-rapporteur tagħkom qed jipprepara abbozz tar-rapport dwar din il-kwistjoni.

Huwa mistenni li r-regolamenti l-ġodda għandhom jidħlu fis-seħħ fl-2008. Madankollu, fl-interim, huwa neċċesarju li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1543/2000 sabiex jiġi evitat irduppjar bejn ir-regolamenti l-qodma u l-ġodda u biex jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv mhux neċċesarju fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni. B'mod speċifiku, dan jelima l-obbligu legali preżenti fuq l-Istati Membri skond Regolament Nru 1543/2000 biex jiippreżentaw programmi nazzjonali fuq sitt snin għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data mill-2007 sa l-2012, skond regoli li daqt iridu jinbidlu. Minflok, iridu jitfasslu programmi ta' tranżizzjoni li jkopru s-snin 2007 u 2008.

Il-proposta attwali tal-Kummissjoni tagħmel dawn il-bidliet neċċesarji u loġiċi u b'riżultat ta' dan hija appoġġjata mir-rapporteur tagħkom mingħajr emendi.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-Politika Komunitas-Sajd
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0369 - C6-0235/2007 - 2007/0127(CNS)
<b>Data meta' ġie kkonsultat il-PE</b>	16.7.2007
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 3.9.2007
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Paulo Casaca 17.7.2007
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	11.9.2007
<b>Riżultat tal-vot finali</b>	+: -: 0: 18 0 0
<b>Membri preżenti għall-vot finali</b>	Elspeth Attwooll, Marie-Hélène Aubert, Luis Manuel Capoulas Santos, David Casa, Paulo Casaca, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Avril Doyle, Emanuel Jardim Fernandes, Carmen Fraga Estévez, Pedro Guerreiro, Ian Hudghton, Heinz Kindermann, Philippe Morillon, Séan Ó Neachtain, Luca Romagnoli, Struan Stevenson, Catherine Stihler, Daniel Varela Suanzes-Carpegna
<b>Sostitut(i) preżenti għall-vot finali</b>	Jan Mulder
<b>Data tat-tressiq</b>	12.9.2007